**13 ta' Diċembru, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dottor Michael Refalo ne.

*versus*

Captain Paul Bugeja.

**Reġistrazzjoni f'Malta ta' Sentenza ta' Qorti Ingliża — Art. 3. "The British Judgments (Reciprocal Enforcement) Act. (Cap. 86).**

*L-aċċettazzjoni tan-notifika, fiha n-nifisha, ma hi ebda prova konklusiva ta' sottomissjoni għal ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali taħt din il-liġi (Cap. 86), partikolarment f'dan il-każ meta l-intimat aċċetta li jieħu kopja ta-Writ sempliċement biex jista jikkonsulta ruħu u jara x'għandu jagħmel. Wisq anqas timporta sottomissjoni l-ittra tal-Avukat ta' l-intimat li biha anzi rripudja l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ingliża. Ġie ritenut mill-istess Qrati Ingliżi illi fin-nuqqas ta' ċirkustanzi speċjali anqas il-komparizzjoni fil-kawża taħt protesta ma timporta intenzjoni volontarja ta' sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti frustiera.*

Il-Qorti, rat ir-rikors ta' l-avukat Dottor Michael Refalo nomine li bih talab li din il-Qorti tordna li tiġi reġistrata u tkun esegwibbli hawn Malta sentenza mogħtija mill-High Court of Justice Queen's Bench Division ta' l-Ingilterra fl-4 ta' Settembru, 1962 fil-kawża fl-ismijiet "Basil Ashmore vs. Paul Bugeja" li biha l-imsemmi Basil Ashmore ġie kanoniz-

zat kreditur ta' l-imsemmi Paul Bugeja fis-somma ta' mitejn u sitt liri, sebgħa xelin u sitt soldi (£206.7s.6d.), kwantu għal mija u tnejn u tmenin lira u tmientax il-xelin (£182.18s.0d.) sorti u tlieta u għoxrin lira, disgħa xelin u sitt soldi (£23.9s.6d.) spejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-istess Paul Bugeja li qal illi dik is-sentenza m'għandiex tiġi reġistrata u eżegwita hawn Malta għaliex.

(1) Il-Qorti Ingliża ma kelliex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' kawża dwar obbligazzjonijiet li ġew kuntrattati u li kellu jkollhom effett f'dawn il-Gżejjer.

(2) hu ma kienx persuna li teżerċita l-kummerċ u lanqas residenti fl-Ingilterra u lanqas deher jew aċċetta li jis-sottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

(3) hu jinnega li hu debitur ta' l-imsemmi Ashmore u jgħid illi s-sentenza Ingliża ġiet ottenuta b'qerq.

Rat l-atti kollha, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Xi żmien f'Lulju 1962 Dottor Michael Refalo irċeva is-truzzjonijiet mingħand is-Solicitors ta' Basil Ashmore biex jinnotifika lil Paul Bugeja bil-Writ li hemm kopja tiegħu fil-proċess. Dottor Refalo kellem lil Bugeja fuq dan ir-Writ u meta dan staqsih jekk kellux jaċċettah Dottor Refalo wieġbu li aħjar ikellem Avukat u jara x'għandu jagħmel. Ftit ġranet wara, ċioe fit-30 ta' Lulju, Bugeja mar l-uffiċju ta' Dottor Refalo u aċċetta n-notifika. Bugeja xehed illi hu ħa dak ir-Writ unikament għax ma kienx jifhem fil-proċeduri u biss bil-ħsieb li jikkonsulta ruħu ma l-avukat tiegħu u wara li kien qal lill-Dottor Refalo illi Ashmore ma kellu jieħu

xejn minn għandu għax dak li kienu ftehmu li kellu jieħu hu kien taħulu kollu.

Fit-3 ta' Awissu 1962 Dottor Frendo Randon għan-nom ta' Paul Bugeja kiteb lir-Reġistratur tal-High Court of Justice, Queen's Bench Division, Londra l-ittra li hemm kopja tagħha eżibita, li fiha akkludielu l-kopja ta' Writ li kienet ġiet notififlata lill-Bugeja u qallu li hu kien qed jirritornahielu għax dik il-Qorti ma kelliex ġurisdizzjoni fil-materja għar-raġunijiet *hemm imsemmija: żied jgħidlu li, oltre dan,* il-pretensjoni ta' Ashmore kienet kompletament infondata u bla bażi. Għal din l-ittra kien hemm risposta miċ-Chief Clerk tar-"Writ, Etc. Department Central Office, Royal Courts of Justice" datata 7 ta' Awissu, 1962 li biha r-Writ reġa ġie intornat u ġie nformat illi jekk ried iqajjem il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni "you should apply to the Court by Summons to set aside service in accordance with order 12 rule 30 of the rules *of* the Supreme Court."

Wara dan, u mingħajr ma Bugeja deher jew ikkontesta l-kawża quddiem il-Qorti Ingliża, din tat, fil-kontumaċja tiegħu, is-sentenza li tagħha issa qed tintalab ir-Reġistrazzjoni.

Din it-talba qiegħda issa taħt l-art. 3 (1) ta' "The British Judgments (Reciprocal Enforcement) Act" (Kapitolu 86 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi illi.

> "Where a judgment has been obtained in a Superior Court in the United Kingdom, the judgment creditor may apply to her Majesty's Court of Appeal, at any time within twelve months after the date of the judgment or such longer period as may

be allowed by the said Court of Appeal, to have the judgment registered in one of the Superior Courts of these Islands, and on any such application, the Court may if in all the circumstances of the case it thinks it is just and convenient that the judgment should be enforced in these Islands, and subject to the provisions of these section, order the judgment to be registered accordingly."

Is-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu jistabilixxi l-każijiet li fihom ir-reġistrazzjoni ta' sentenza ma tistax tiġi ordnata.

Fost dawn il-każi hemm dawk li fihom.

(a). Il-Qorti oriġinali ma kellhiex ġurisdizzjoni.

(b). Id-debitur kanonizzat ma kienx persuna li teżerċita l-kummerċ u lanqas persuna li ordinarjament toqgħod fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali u ma dehərx minn rajh jew xort'oħra ma qagħadx jew ma aċċettax li joqgħod għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

(c). Is-sentenza tkun ġiet meħuda b'qerq.

Issa Paul Bugeja jobbjetta, kif intqal, illi fil-każ preżenti s-sentenza ngliża mhiex reġistrabbli għal kull waħda mittliet raġunijiet imsemmija di kontru għall-ittri (a), (b) u (c) hawn fuq. Din il-Qorti jidhrilha li mhux il-każ li teżaminahom kollha għaliex ankorke u "ex hypothesi" is-sentenza ma kienetx impunjabbli għar-raġunijiet imsemmijin taħt l-ittri (a) u (c), ir-reġistrazzjoni, fil-fehma tagħha, ma tistax issir għar-raġuni msemmija taħt l-ittra (b).

Mhux kontestat illi Paul Bugeja mhux persuna li kienet toqgħod ordinarjament l-Ingilterra jew persuna li kienet teżerċita l-kummerċ f'dak il-pajjiż. Anqas hu kontestat illi hu ma deherx fil-kawża. Infatti s-sentenza ngħatat "in default of appearance", Bugeja "not having appeared to the Writ of Summons."

Ir-rikorrent pero jippretendi illi Bugeja xort'oħra ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Din is-sottomissjoni r-rikorrent jirravvisaha fil-fatt illi Bugeja aċċetta n-notifika tar-Writ u, permezz ta' l-avukat tiegħu, kiteb lir-Reġistratur tal-Qorti Ingliża l-ittra li ssemmiet.

Il-Qorti hi ta' fehma illi l-aċċettazzjoni tan-notifika, fiha nnifisha, ma hi ebda prova konklużiva ta' sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali taħt din il-liġi, partikolarment fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti meta Bugeja aċċetta li jieħu l-kopja tar-Writ sempliċement biex jista' jikkonsulta ruħu u jara x'għandu jagħmel. Wisq inqas timporta sottomissjoni l-ittra ta' l-avukat ta' Bugeja li biha anzi rripudpja l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ingliża. Ġie ritenut mill-istess Qorti Ingliża illi fin-nuqqas ta' ċirkostanzi speċjali anqas il-komparizzjoni fil-kawża taħt protesta ma timporta intenzjoni volontarja ta' sottomissjoni għall-ġurisdizzjoni ta' Qorti frustiera. Denning L.J., in "Re Dulles 'Settlement (no. 2) [1951] 1. Ch. 842, 850, qal:

> "I cannot see how anyone can fairly say that a man has voluntarily submitted to the jurisdiction of a court when he has all the time been vigorously protesting that it has no jurisdiction. If he does nothing and lets judgment go against him in default of appearance, he clearly does not submit to the jurisdiction. What difference in principle does it

make, if he does not merely do nothing but actually goes to the court and protests that it has no jurisdiction? I can see no distinction at all."

Jista' jkun hemm każijiet li fihom, imħabba ċ-ċirkostanzi, komparizzjoni ankorke taħt protesta tista' tammonta għall-sottomissjoni virtwali. Ir-regola pero tidher li hi illi ma jistax jingħad prima facie illi l-komparizzjoni taħt protesta fiha nfisha, timporta sottomissjoni volontarja għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti (ara Graveson "The Conflict of Laws" 4th Ed. pp. 344 — 347; Schmitthoff "The English Conflict of Laws" 3rd Ed. pp. 465 — 8; Dicey's Conflict of Laws, 7th Ed. p. 171).

Fil-każ preżenti, kif ġa ntqal, anqas kien hemm komparizzjoni da parti ta' Paul Bugeja fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ingliża. Kien hemm biss l-ittra ta' l-avukat tiegħu fuq imsemmija lir-Reġistratur li pprotestat il-ġurisdizzjoni.

Għalhekk it-talba ta' Dottor Michael Refalo nomine ma tistax tiġi milqugħa u din il-Qorti tiċħada bl-ispejjeż kontra tiegħu.